

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 86 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

16 ta' Marzu 2020

Werrej

## II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJET MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2020/C 86 I/01

Covid-19 Linji gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali ..... 1

MT



## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U  
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

COVID-19

**Linji gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-  
disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali**

(2020/C 86 I/01)

Il-kriżi tal-coronavirus enfasizzat l-isfida biex tiġi protetta s-saħħa tal-popolazzjoni filwaqt li jiġi evitat it-tfixkil għall-moviment liberu tal-persuni, u t-twassil ta' oġġetti u servizzi essenzjali fl-Ewropa kollha. L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar il-verifiki ta' persuni u oġġetti jenħteġ li tiġi regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Sabiex jiġu evitati l-iskarsezzi u jiġi evitat li jaggravaw id-diffikultajiet soċjali u ekonomiċi li diġà qed jesperjenzaw il-pajjiżi Ewropej kollha, iż-żamma tal-funzjonament tas-Suq Uniku hija kruċjali. Għalhekk, jenħteġ li l-Istati Membri ma jiddux miżuri li jipperikolaw l-integrità tas-Suq Uniku għall-oġġetti, b'mod partikolari tal-katini tal-provvista, jew ma jinvolvu ruħhom fl-ebda Prattika Inġusta.

L-Istati Membri għandhom dejjem jilqgħu liċ-ċittadini u r-residenti tagħhom stess, u jiffaċilitaw it-tranżitu ta' ċittadini oħra tal-UE u ta' residenti li jkunu qed jirritornaw lejn pajjiżhom.

Fir-rigward tal-miżuri marbuta mal-ġestjoni tal-fruntieri, il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE hija essenzjali.

Għalhekk, dawn il-linji gwida jistabbilixxu prinċipji għal approċċ integrat għal ġestjoni effettiva tal-fruntieri biex titħares is-saħħa filwaqt li tinżamm l-integrità tas-Suq Uniku.

**I. Trasport ta' oġġetti u servizzi**

1. Is-settur tat-trasport u tal-mobilità huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kontinwità ekonomika. Azzjoni kollettiva u koordinata hija indispensabbli. Is-servizzi ta' trasport ta' emerġenza għandu jkollhom prijorità fis-sistema tat-trasport (eż. permezz ta' "korsiji ħodor").
2. Il-miżuri ta' kontroll ma għandhomx jimminaw il-kontinwità tal-attività ekonomika u għandhom jippreservaw l-operat tal-ktajjen tal-provvista. It-trasport mingħajr tfixkil tal-oġġetti huwa kruċjali biex tinżamm id-disponibbiltà tal-oġġetti, b'mod partikolari ta' oġġetti essenzjali bħal provvisti tal-ikel, inklużi bhejjem, tagħmir u provvisti mediċi u protettivi vitali. B'mod aktar ġenerali, tali miżuri ma għandhomx jikkawżaw tfixkil serju fil-ktajjen tal-provvista, fis-servizzi essenzjali ta' interess ġenerali u fl-ekonomiji nazzjonali u fl-ekonomija tal-UE kollha kemm hi.
3. Għandu jkun possibbli l-ivvjaġġar professjonali biex jiġi żgurat it-trasport ta' oġġetti u servizzi. F'dak il-kuntest, il-faċilitazzjoni tal-moviment sikur għall-ħaddiema tat-trasport, inklużi s-sewwieqa tat-trakkijiet u tal-ferroviji, il-bdoti u l-ekwipaġġ tal-ajru, bejn il-fruntieri interni u esterni, hija fattur ewlieni biex jiġi żgurat il-moviment adegwat ta' oġġetti u persunal essenzjali.

4. Meta l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq it-trasport ta' oġġetti u passiġġieri minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, dan għandu jsir biss jekk dawk ir-restrizzjonijiet ikunu:
  - a. Trasparenti, jiġifieri minquxa f'dikjarazzjonijiet/dokumenti pubbliċi;
  - b. Motivati kif xieraq, jiġifieri jeħtieġ li jispjegaw ir-raġunijiet u r-rabta mal-Covid-19. Il-ġustifikazzjonijiet iridu jkunu bbażati fuq ix-xjenza u appoġġjati mir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Mard (ECDC);
  - c. Proporzjonati, jiġifieri li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ;
  - d. Rilevanti u speċifiċi għall-mezz, jiġifieri ir-restrizzjonijiet fuq kwalunkwe wieħed mill-mezzi differenti ta' trasport għandhom jiġu adattati għal dak il-mezz; u
  - e. Mhux diskriminatorji.
5. Kwalunkwe restrizzjoni pplanata relatata mat-trasport għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kollha b'mod f'waqtu u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jiġu implimentati, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi li japplikaw għall-miżuri ta' emerġenza fis-settur tal-avjazzjoni.

## II. Provvista ta' oġġetti

6. L-Istati Membri għandhom iħarsu ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti kollha. B'mod partikolari, għandhom jiggarrantixxu l-katina tal-provvista ta' prodotti essenzjali bħall-mediċini, it-tagħmir mediku, il-prodotti tal-ikel essenzjali u li jitħassru malajr u l-bhejtem. Ma għandha tiġi imposta l-ebda restrizzjoni fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-oġġetti fis-Suq Uniku, speċjalment (iżda mhux biss) oġġetti essenzjali, relatati mas-saħħa u li jitħassru malajr, b'mod partikolari oġġetti tal-ikel, sakemm ma jkunux ġustifikati kif xieraq. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw korsiji ta' prijorità għat-trasport tal-merkanzija (eż. permezz ta' "korsiji hodori") u għandhom jikkunsidraw li jneħħu l-projbizzjonijiet li jeżistu fi tmiem il-ġimgħa.
7. Ma għandha tiġi imposta l-ebda ċertifikazzjoni addizzjonali fuq oġġetti li jiċċirkolaw legalment fis-suq uniku tal-UE. Ta' min jinnotta li, f'konformità mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ma hemm l-ebda evidenza li l-ikel huwa sors jew sors ta' trażmissjoni tal-Covid-19 <sup>(1)</sup>.
8. Il-ħaddiema tat-trasport, speċjalment iżda mhux biss dawk li jwasslu oġġetti essenzjali, għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod transfruntier kif meħtieġ u s-sikurezza tagħhom ma għandha tiġi kompromessa bl-ebda mod.
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-proviżjonament kontinwu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet soċjali, biex jiġi evitat ix-xiri ta' paniku u r-riskju ta' affollament eċċessiv u perikoluż tal-ħwienet; dan se jkun jeħtieġ impenn proattiv mill-katina tal-provvista kollha.
10. In-nodi speċifiċi tat-trasport (eż. il-portijiet, l-ajruporti, iċ-ċentri loġistiċi) għandhom jissaħħu kif meħtieġ.

## III. Miżuri relatati mas-saħħa

11. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa għal persuni li jiġu identifikati bħala li jippreżentaw riskju għas-saħħa pubblika minħabba l-Covid-19. Dawn għandu jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa xierqa, filwaqt li titqies il-prijoritizzazzjoni ta' profili ta' każijiet differenti fis-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa.

<sup>(1)</sup> <https://efsa.europa.eu/en/news/coronavirus-no-evidence-food-source-or-transmission-route>

12. Abbażi tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet tas-saħħa fl-Istati Membri, huma rakkomandati l-passi li ġejjin fil-fruntieri esterni, kif xieraq:
- Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri ta' skrinjar mad-dħul (primarji <sup>(2)</sup> u sekondarji <sup>(3)</sup>) li għandhom l-għan li jivvalutaw il-preżenza ta' sintomi u/jew l-esponiment għall-Covid-19 tal-vjaġġaturi li jaslu minn żoni jew pajjiżi affettwati; il-mili ta' Formola ta' Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri tas-Saħħa Pubblika abbord inġenju tal-ajru, bastiment, ferrovija jew xarabank li jaslu b'konnessjoni diretta jew indiretta minn żoni jew pajjiżi affettwati; l-ikkompletar tad-Dikjarazzjoni Marittima tas-Saħħa għall-bastimenti kollha li jaslu, li tindika l-portijiet kollha li jkunu żaru;
  - Il-provvista ta' materjal ta' informazzjoni (fuljetti, strixxuni, posters, slajds elettroniċi, eċċ.) għad-distribuzzjoni lil vjaġġaturi li jaslu minn żoni affettwati jew li sejrjn lejhom;
  - Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri ta' skrinjar mal-ħruġ li għandhom l-għan li jivvalutaw il-preżenza ta' sintomi u/jew l-esponiment għall-Covid-19 tal-vjaġġaturi li jtilqu minn pajjiżi affettwati. Il-vjaġġaturi identifikati bħala li huma esposti għall-Covid-19 jew li huma infettati biha ma għandhomx jitħallew jivvjaġġaw;
  - L-iżolament ta' każijiet suspettati u t-trasferiment ta' każijiet reali lejn faċilità tal-kura tas-saħħa. L-awtoritajiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera għandhom jaqblu dwar it-trattament xieraq tal-każijiet ta' persuni kkunsidrati li huma ta' riskju għas-saħħa pubblika bħal aktar testijiet, iżolament jew kwarantina u kura tas-saħħa - fil-pajjiż tal-wasla jew bi ftehim fil-pajjiż tat-tluq.
13. Sabiex dawn il-kontrolli jkunu effettivi, dawn li ġejjin jikkostitwixxu prattiki tajba:
- L-istabbiliment ta' proċeduri operattivi standard u l-iżgurar ta' għadd suffiċjenti ta' persunal imħarreġ kif xieraq;
  - Il-provvista ta' tagħmir protettiv għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u għall-dawk li ma jaħdmux f'dan il-qasam; u
  - Il-provvista ta' informazzjoni aġġornata lill-persunal tas-saħħa u lil persunal ieħor rilevanti fil-punti tad-dħul bħalma huma l-pulizija tas-sigurtà, id-dwana, l-uffiċjali tal-istat li jikkontrollaw il-portijiet, il-bdoti tal-portijiet u dawk li jipprovdu s-servizzi tat-tindif.

Bosta minn dawn il-miżuri għandhom isiru minn jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet tas-saħħa. L-awtoritajiet tal-fruntieri għandhom rwol essenzjali ta' appoġġ inkluż billi jipprovdu informazzjoni lill-passiġġieri u billi jirreferu l-każijiet ta' tħassib minnufih lis-servizzi tas-saħħa rilevanti.

#### IV. Fruntieri esterni

14. Il-persuni kollha, ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex tal-UE, li jaqsmu l-fruntieri esterni biex jidħlu fiż-Żona Schengen huma soġġetti għal kontrolli sistematiċi fil-punti tal-qsim tal-fruntieri. Il-kontroll fil-fruntieri jista' jinkludi kontroll tas-saħħa kif stipulat fit-Taqsima III.
15. L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jirrifjutaw id-dħul lil ċittadini mhux residenti minn pajjiżi terzi jekk juru sintomi rilevanti jew kienu partikularment esposti għar-riskju ta' infezzjoni u jkunu meqjusa ta' theddida għas-saħħa pubblika.
16. Jistgħu jkunu applikati miżuri alternattivi għal meta jkun hemm rifjut għad-dħul, bħalma huwa l-iżolament jew il-kwarantina fejn dawn ikunu meqjusa li jkunu aktar effettivi.
17. Kull deċiżjoni fir-rigward ta' rifjut tad-dħul jeħtieġ li tkun proporzjonata u bla ebda diskriminazzjoni. Miżura titqies proporzjonata bil-kundizzjoni li hija tkun ittieħdet wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa u li kienet meqjusa minnhom bħala xierqa u neċessarja biex jinkiseb l-oġġettiv tas-saħħa pubblika.

<sup>(2)</sup> L-iskrinjar primarju jinkludi valutazzjoni inizjali mill-persunal, li mhux neċessarjament ikollu taħriġ mediku. L-attivitajiet jinkludu l-osservazzjoni viżwali tal-vjaġġaturi għal sinjali tal-marda infettiva, il-kejl tat-temperatura tal-ġisem tal-vjaġġaturi, u l-mili ta' kwestjonarju minn vjaġġaturi li jistaqsi dwar il-preżenza ta' sintomi u/jew esponiment għal aġent infettiv.

<sup>(3)</sup> L-iskrinjar sekondarju għandu jsir minn persunal b'taħriġ mediku. Dan jinkludi intervista fil-fond, eżami mediku u tal-laboratorju ffukat u l-kejl tat-tieni temperatura.

**V. Fruntieri interni**

18. L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu mill-ġdid kontrolli temporanji fil-fruntieri interni jekk dawn ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà interna. F'sitwazzjoni estremament kritika, Stat Membru jista' jidentifika l-hteġa li jintroduċi mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri bħala reazzjoni għar-riskju li tkun qed tippreżenta marda li tittieħed. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri skont il-Kodiċi ta' Schengen dwar il-Fruntieri.
  19. Kontrolli bħal dawn jenħtieġ li jkunu applikati b'mod proporzjonat u b'rispett dovut lejn is-saħħa tal-individwi kkonċernati. Persuni li jkunu b'mod ċar morda ma għandhomx ikunu rifutati milli jidħlu imma għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa kif indikat fil-punt 11.
  20. It-tweqqiq ta' kontrolli tas-saħħa fuq il-persuni kollha li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri ma jeħtiġx l-introduzzjoni formali ta' kontrolli fil-fruntieri interni.
  21. Għaċ-ċittadini tal-UE, iridu jkunu garantiti s-salvagwardji stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Moviment Ħieles. B'mod partikulari, irid jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri nfushom u residenti oħra li jkunu ċittadini tal-UE. Stat Membru ma għandux jirrifjuta d-dħul liċ-ċittadini tal-UE jew lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu fit-territorju tiegħu u jrid jaffiċilita t-tranżitu ta' ċittadini u residenti oħra tal-UE li jkunu qed jirritornaw lejn djarhom. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jieħdu miżuri xierqa bħal pereżempju jesiġu li l-persuni li jkunu deħlin fit-territorju tagħhom ikollhom jagħmlu awtoiżolament jew miżuri simili mar-ritorn tagħhom minn żona li kienet affettwata mill-Covid-19 bil-kundizzjoni li huma jimponu l-istess rekwiżiti fuq iċ-ċittadini tagħhom.
  22. Il-kontrolli fil-fruntieri, jekk ikunu introdotti fil-fruntieri interni, jenħtieġ li jkunu organizzati b'mod li jkunu evitati li jinġabru ħafna nies f'daqqa (pereżempju kjuwijiet), li jżidu r-riskju biex jinxtered il-virus.
  23. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu u jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri mill-ħaddiema, b'mod partikulari iżda mhux biss dawk li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa u fis-settur tal-ikel, u f'servizzi essenzjali oħra (pereżempju l-kura tat-tfal, il-kura tal-anzjani, persunal kritiku għall-utilitajiet) biex tiġi żgurata l-attività professjonali kontinwa.
  24. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw biex iwettqu screening tas-saħħa biss fuq naħa waħda tal-fruntiera biex jevitaw xogħol doppju u ħinijiet ta' stennija.
  25. L-Istati Membri, b'mod partikulari Stati Membri ġirien, jenħtieġ li jikkooperaw u jikkoordinaw mill-qrib fil-livell tal-UE, biex jiżguraw l-effettività u l-proporzjonalità tal-miżuri meħuda.
-



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**